**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 168/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2117/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi il-partijiet izzewwgu fis-sitta ta' Novembru tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (06.11.1994) gewwa Fleur De Lys, u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 2117/1994 hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC1;

2. Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is- separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan- Nutar Dottor Marco Burlo tal-erbgha u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (24.08.2010) hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC2;

3. Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tifla wahda, E, illi illum il-gurnata hija maggiorenni.
4. Illi l-partijiet ilhom de iure separati ghal aktar minn tlettax (13) il-sena u dan kif inhu evidenzjat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet hawn anness:
5. Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;
6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 t'April 2024;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti twieġeb li ma toġġezzjonax għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Awwissu 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi l-Qorti tilqa` t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.